*- KOMPETENZA PRIM' AWLA – ARTIKOLU 32 – KAP 12 -*

*- KOMPETENZA SEKOND' AWLA – ART 470 U 480 TAL-KAP 12 -*

*- ARTIKOLU 35 TAL-KAP 12 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 4 ta' Lulju 2002

**Kawza Numru: 1**
**Citazzjoni Numru: 1843/01/RCP**

**Emanuel Bugeja, iben George**

**vs**

1. **Mary Rose Bugeja;**
2. **Kummissarju tal-Pulizija;**
3. **Avukat Generali tar-Repubblika;**
4. **Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 sa 8 fejn gie premess:-

1. Illi l-attur kien issepara legalment permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni Bonarja fl-atti tan-Nutar Dr. Richard Vella Laurenti li jgib id-data tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju, tas-sena elfejn (2000), u li a bazi ta' dan il-kuntratt, l-attur u l-konvenuta martu kellhom il-hajja konjugali taghhom irregolarizzata permezz ta' l-Att Pubbliku fuq citat.

2. Illi *inter alia* l-konvenuta kienet qablet li apparti milli tibqa' tokkupa u tirresjedi esklussivament fid-dar konjugali, hija kellha tircievi manteniment ta' mitejn u sebghin lira Maltija (Lm270) fix-xahar, cjoe' disghin lira Maltija (Lm90) bhala manteniment tal-konvenuta u disghin lira Maltija (Lm90) kull wiehed ghal kull wahda minn ulied l-attur xebbiet, KAREN u JENNIFER, ahwa BUGEJA.

3. Illi KAREN odjernament ghad ghandha sbatax-il sena u hdax-il xahar – taghlaq tmintax-il sena fl-ewwel ta' Jannar, 2002; JENNIFER ghad ghandha tlettax-il sena u dawna huma l-uniku zewgt ulied tal-kontendenti partijiet.

4. Illi jigi ghalhekk illi r-relazzjonijiet konjugali bejn il-

konjugi BUGEJA huma esklussivament irregolati mill-kuntratt ta' Separazzjoni Bonarja imsemmi, li jrid jigi segwit fedelment mill-partijiet kontendenti f'din ic-Citazzjoni odjerna u l-ebda awtorita' kompetenti ma tista' taghmel atti pubblici hi direttament jew indirettament imorru kontra l-kontenut tas-Separazzjoni kontrattwali Konsenswali.

5. Illi l-kuntratt in ezami skond il-procedura taghna jista' jigi attakkat biss permezz ta' kawza u hija sentenza ta' Qorti kompetenti biss jew ftehim espress b'Att Pubbliku ulterjuri da parti tal-konjugi kontendenti partijiet li jista' jimmodifika, ibiddel jew imiss b'xi mod jew iehor l-att pubbliku koncernat.

6. Illi l-kontendenti partijiet infirdu legalment fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju, tas-sena elfejn (2000), u jigi ghalhekk li minn dik id-data 'l hawn il-hajja konjugali taghhom giet iggvernata minn dak l-Att Pubbliku, u l-ebda Att iehor *a meno che* ma jkunux hemm il-kunsens espress, esplicitu u bil-miktub tal-kontendenti partijiet.

7. Illi apparentament il-konvenuta Mary Rose Bugeja ottjeniet Digriet mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ppreseduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri, fejn permezz ta' dan id-Digriet Numru 71/2001, l-attur gie ordnat li jhallas lil martu u wliedu s-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) bhala manteniment fix-xahar, meta ovvjament dana ma setghax isir billi r-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti kellhom ikunu ggvernati biss

mill-Att Pubbliku citat tat-23 ta' Mejju 2000, u mhux minn xi Digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili wara li gja' kienet sehhet is-Separazzjoni Konsenswali kif hawn imfisser.

8. Illi jigi ghalhekk li d-Digriet Numru 71/2001 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili huwa null, invalidu w ineffettiv legalment peress illi tali Digriet ma setghax jigi ottenut billi l-konjugi BUGEJA diga' kienu flimkien qablu kif kellha tigi rregolata r-relazzjoni konjugali taghhom kif diga' gie imfisser.

9. Illi ulterjorment l-attur lanqas biss kien gie notifikat biex jidher quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili wara l-kuntratt tas-Separazzjoni Bonarja, ahseb u ara kemm seta' nghata Digriet fil-konfront tieghu fejn gew miksura vjolentament il-principji sagri tal-*audi alteram partem* u li l-gustizzja trid mhux biss issir imma tidher li qeghda ssir.

10. Illi ghalhekk kwalsiasi haga li tindika xi forma ta' kontroll fuq il-hajja konjugali wara l-Firda Legali tal-konjugi BUGEJA li tkun estranea ghall-Att Pubbliku citat, iktar u iktar jekk din issir minghajr ma xi parti tkun biss taf li saret, ghandha legalment titqies bhala illegali, abbuziva, invalida, ineffettiva u nulla skond il-Ligi.

11. Illi dan kollu, u filwaqt li ssir referenza ghad-Dikjarazzjoni Guramentata ta' l-attur annessa ma' din ic-Citazzjoni odjerna, jghidu l-konvenuti jew min minnhom,

ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tevalwa, tifli, taqta', tiddeciedi u tordna illi:

(a) ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti partijiet f'din ic-Citazzjoni odjerna huma regolati biss u esklussivament mill-Att Pubbliku tat-23 ta' Mejju 2000, in atti Nutar Pubbliku Malti Dr Richard Velta Laurenti, liema Att Pubbliku jirregola l-firda legali tal-kontendenti partijiet konjugi BUGEJA;

(b) id-Digriet Numru 71/2001 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili huwa null, invalidu, ineffettiv, illegali u abbuziv billi fic-cirkustanzi li jirrizultaw fil-mori tal-kawza ma seta' qatt jinghata;

(c) kwalsiasi decizjoni li tista' tinghata jew tigi enforzata minn xi awtorita' kompetenti rizultanti mill-applikabbilta' tad-Digriet Numru 71/2001 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ghandha titqies nulla u nvalida, ineffettiva u mhux enforzabbli, u illegali u abbuziva;

(d) kwalsiasi att jew ordni jew Digriet moghti minn xi awtorita' kompetenti li direttament jew indirettament imur kontra l-ftehim konsenswali permezz ta' Att Pubbliku li jirregola l-firda legali tal-kontendenti konjugi ghandu jitqies bhala null u nvalidu, ineffettiv, illegali u abbuziv, u mhux enforzabbli *a meno che* ma jkunx hemm qbil mill-konjugi kontendenti partijiet, qbil espressiv, bil-kunsens ta' xulxin, bil-miktub u esplicitu u li jsir b'Att Pubbliku skond il-Ligijiet

ta' Malta;

(e) l-attur ghandu jigi kkompensat b'danni likwidati ghal kwalsiasi forma ta' danni li seta' sofra, jista' jsofri jew qieghed isofri kagun ta' xi abbuz li jista' jigi pperpetrat minn xi awtorita' kompetenti a bazi ta' dawna t-talbiet attrici kif hawn fuq suesposti;

(f) il-konvenuta Mary Rose Bugeja jew il-konvenuti l-ohra jew minn min minnhom ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra-gudizzjarji, li seta' kien kostrett illi jaghmel l-attur odjern biex jissalvagwarda d-drittijiet kollha tieghu fil-fatt u fid-dritt.

(g) Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji kontra l-konvenuta Mary Rose Bugeja jew il-konvenuti l-ohra jew min minnhom, li jibqghu u jigu minn issa lkoll kemm huma ngunti IN SUBLZZJONI.

(h) B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ghal kull forma ta' danni, diretti jew indiretti, spettanti lill-attur rizultanti direttament jew indirettament minn kwalsiasi forma ta' abbuz, illegalita' li setghu saru fid-dawl ta' l-inkwadratura tal-kontenut kollu fl-intier tieghu ta' dina c-Citazzjoni odjerna.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 9 sa 11 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 13 sa 14 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja tal-15 ta' Frar 2002 a fol. 19 fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament il-kariga ta' l-esponenti f'din il-kawza mhux dik premessa imma ta' Registratur tal-Qrati Superjuri u ghalhekk ic-citazzjoni ghandha tkun korretta f'dan is-sens;

2. Fil-mertu, illi d-dover ta' l-esponenti huwa li jesegwixxi ordnijiet tal-Qrati. Ghalhekk huwa m'ghandux interess fl-ezitu ta' din il-kawza u jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u m'ghandux ibaghti spejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Registratur tal-Qrati Superjuri a fol. 20 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija tal-25 ta' Frar 2002 a fol. 23 fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament fil-konfront ta' l-eccipjenti c-citazzjoni hija nulla a tenur ta' l-**artikolu 460 tal-Kap 12** billi ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest kif trid il-ligi.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-eccipjenti mhumiex legittimi kontradditturi in kwantu ma kellhom l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur fid-dissidji konjugali tieghu.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju min-natura stess tat-talbiet kontenuti fic-citazzjoni ta' l-attur jidher car li t-talbiet mhumiex diretti kontra l-eccipjenti u ghalhekk huma bla fondament guridiku jew fattwali fil-konfront taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija a fol. 24 tal-process.

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 2002;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Rose Bugeja tas-17 ta' April 2002, a fol. 26 tal-process, fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet fil-kawza fl-ismijiet premessi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur *stante* illi t-talbiet huma frivoli u vessatorji, u dan *in vista* tal-fatt illi dak kollu li qed jigi rilevat f'din il-kawza seta' facilment jigi rilevat quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili meta l-attur inghata l-fakolta' ta' risposta.

2. Illi *inoltre*, l-esponenti qed teccepixxi n-nullita' tac-citazzjoni odjerna *stante* illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jittanta johloq struttura ta' revizjoni jew appell mid-digriet moghti mis-Sekond' Awla, meta l-Ligi ma tipprovdix tali rimedju, u l-attur seta' facilment talab revoka *contrario imperio* tad-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

3. Illi *inoltre*, it-talbiet tal-attur huma nfondati *stante* illi kien l-istess attur illi naqas milli jonora l-obbligi kuntrattwali tieghu, u kien f'dan l-isfond illi l-esponenti ntavolat rikors fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u cjoe' b'segwitu tal-fatt illi l-attur ma kienx qed jottempera ruhu mal-obbligu riportat fil-kuntratt, peress illi kien waqaf ghal kollox milli jhallas il-manteniment lill-esponenti ghaliha u ghall-minuri.

4. Illi d-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili huwa konformi ma' dak riportat fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' Mejju 2000 in atti Nutar Dr. Richard Vella Laurenti, u bl-ebda mod ma jimmodifika, ibiddel jew ivarja l-kontenut tal-istess kuntratt.

5. Illi konsegwentement, ghandhom jigu michuda wkoll il-hames (e) sat-tmien (h) talba.

Rat id-dikjarazzjoni u lista ta' xhieda tal-konvenuta Mary Rose Bugeja a fol. 27 u 28.

Rat il-verbal tal-25 ta' April 2002 fejn xehdu l-attur u l-Ispettur Raymond D'Anastas. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti processwali tad-Digriet tas-Sekond' Awla Nru. 71/2001. Dr. Emy Bezzina obbliga ruhu li fi zmien ghoxrin (20) gurnata jesebixxi d-dokumenti relattivi b'kopja lill-kontro-parti, u ddikjara li m'ghandux provi aktar.

Rat in-nota ta' l-attur Emanuel Bugeja datata 13 ta' Mejju 2002 li biha esebixxa kopja debitament awtentikata tal-kuntratt tal-Firda Legali tieghu ma' martu, flimkien ma' kopja tad-Digriet Numru 71/2001 tas-17 ta' Jannar 2001.

Rat in-nota tal-konvenuta Mary Rose Bugeja datata 22 ta' Mejju 2002 fejn permezz taghha esebiet kopja legali tad-digriet parzjali.

Rat il-verbali tas-6 ta' Gunju 2002 fejn xehdet il-konvenuta. Il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2002; tas-27 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza regghet giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jattakka l-validita' tad-

Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat datat 17 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **"Mary Rose Bugeja vs Emanuel Bugeja",** Digriet Numru 72/2001 fejn l-Qorti kkundannat lill-attur odjern ihallas l-ammont ta' Lm270 fix-xahar lill-konvenuta ghaliha u ghal uliedha, skond kif jidher mill-istess Digriet a fol. 69 tal-process, u dan peress li l-attur qed isostni li tali rata ta' manteniment kienet regolata bil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn l-istess konjugi Bugeja datat 23 ta' Mejju 2000 u ghalhekk ma setghax jigi mibdul hlief b'sentenza ta' din il-Qorti jew bi ftehim bejn il-kontraenti, u dan apparti li l-istess attur ma kienx debitament notifikat sabiex jidher quddiem l-istess Sekond'Awla tal-Qorti Civili, bi ksur tal-principju *audi alteram partem.*

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ser titratta l-eccezzjonijiet preliminari li tqajmu mill-konvenuti l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali tar-Repubblika, u d-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja.

Illi fl-ewwel lok jinghad li c-citazzjoni fil-konfront tal-konvenuti l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija hija nulla *a tenur* tal-**artikolu 460 tal-Kap 12** *stante* li tali citazzjoni ma gietx preceduta b'ittra ufficjali kontra l-istess konvenuti.

Illi l-istess artikolu jipprovdi li *"ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista' jigi prezentat, u l-ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda*

*mandat ma jista' jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra persuna li jkollha xi kariga pubblika fil-kwalita' ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita' jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew l-talba tigi mfissra b'mod car".*

Illi f'dan il-kaz ma jidhirx li din l-ittra ufficjali giet spedita kontra l-istess konvenuti l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, u peress li tali ittra ufficjali hija mehtiega *di rigore* kontra l-istess tip ta' ufficjali, l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi milqugha u din il-Qorti tiddikjara l-istess citazzjoni bhala nulla u bla effett fil-konfront tal-istess konvenuti l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi kwantu ghat-tieni eccezzjoni tal-istess konvenuti li huma m'humiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija jidher li l-kwistjoni odjerna hija relattata mal-allegazzjoni li d-digriet tas-Sekond' Awla bejn il-konjugi Bugeja huwa null u bla effett *stante* li qed jigi allegat li l-istess Qorti tas-Sekond' Awla Civili ma ghandhiex kompetenza li tiddeciedi dwar kwistjoni ta' manteniment tal-attur lill-konvenuta u lil uliedha ladarba dan huwa regolat b'kuntratt pubbliku bejn il-partijiet kif premess, u ghalhekk certament li f'dan l-isfond l-istess konvenuti premessi m'humiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll l-istess konvenuti l-Avukat

Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju ghal din ir-raguni wkoll.

Illi rigwardanti l-eccezzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Qorti tal-Gustizzja, l-**artikolu 57** jipprovdi li *'Registratur ikollu l-funzjonijiet, setghat u dmirijiet moghtija lilu bid-dispozizzjonijiet ta' din il-Kodici u jkollu taht ir-responsabbilta' diretta tieghu r-registru u l-ufficjali ta' l-istess registru….".*

Illi ghalhekk jidher li d-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja, anke jekk wiehed jirreferi ghalih korrettament bhala r-Registratur tal-Qrati Superjuri, ma ghandux lanqas *locus standi* f'din il-kawza u fil-fatt huwa stess jiddikjara li ma ghandux interess fl-ezitu ta' din il-kawza, fid-dikjarazzjoni tieghu, u ghalhekk ghandu jigi wkoll liberat mill-osservanza tal-gudizzju, proprju minhabba din il-karenza tal-interess.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu tac-citazzjoni attrici jinghad li skond l-**artikolu 32** il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha kompetenza sabiex tisma' u tiddeciedi l-kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali, u skond l-**artikolu 33** is-Sekond'Awla ghandha biss kompetenza f'dik li hija gurisdizzjoni volontarja, ghalkemm bl-emendi li saru bl-**Att XXI tal-1993** fl-istess rikors ghall-awtorizzazzjoni ghall-procediment b'kawza ta' separazzjoni quddiem din il-Qorti tista' ssir talba sabiex jigi deciz l-ammont ta' manteniment li

jrid jithallas *pendente lite* skond l-**artikolu 470 (1) tal-Kap 12** u skond l-**artikolu 480 tal-Kap 12.**

Illi dan apparti dak li jipprovdu l-**artikolu 46 tal-Kap 16** dwar il-provedimenti li jistghu jinaghtaw mill-Qorti *pendente lite* dwar id-dar taz-zwieg, u **tal-artikolu 47 tal-Kap 16** dwar il-kustodja tal-minuri *pendente lite* fl-interess tal-istess minuri.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha **"Bernardette Sciberras vs George Bezzina"** datata 18 ta' April 2002 (P.A. (RCP) fejn inghad li:-

*"Illi mhux hekk biss izda jidher li apparti dak li jista' jigi konvenut bejn il-partijiet il-kompetenza tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hija limitata ghall-ezercizju tal-gurisdizzjoni volontarja fi hwejjeg ta' natura civili skond l-**artikolu 33 tal-Kap 12** u dawn jinkludu bl-emendi li saru fis-sena 1993 (Att XXI) proceduri anke ta' natura kontenzjuza u dan skond l-**artikoli 470 u 480 tal-Kap 12.** Illi minn dan jirrizulta li l-kompetenza tal-Qorti tas-Sekond' Awla f'dak li hu kontenzjuz hija limitata bhala linja generali ghal dawk il-proceduri li jsiru quddiem l-istess Qorti ghall-awtorizzazzjoni sabiex persuna tipprocedi ghal separazzjoni u sakemm tali proceduri jibqghu hekk pendenti quddiem l-istess Qorti u qabel ma ssir l-istituzzjoni tal-kawza proprja quddiem din il-Qorti mill-liema data il-kompetenza anke fl-istess materja hemm indikati fl-artikoli precitati jkunu kompetenza ta' din il-Qorti".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li huwa in kontest li l-konjugi Bugeja dahlu volontarjament, u wara l-awtorizzazzjoni moghtija mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili f'kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' Mejju 2000 fl-atti tan-Nutar Richard Vella Laurenti, fejn skond l-klawsola tlieta (3) tal-istess l-partijiet qabblu dwar il-manteniment li l-attur kellu jhallas lill-konvenuta, ghaliha u ghal uliedha. (Dok. "AB1" – fol. 44 sa fol. 46).

Illi dan il-kuntratt sar abbazi tal-**artikolu 59 tal-Kap 16,** u din ghandha l-effetti taghha kif provduti fl-**artikolu 35 tal-Kodici Civili,** u bhala tali twaqqaf kull pendenza gudizzjarja dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u konjugi, b'dan li l-istess seperazzjoni hija regolata biss bl-istess kuntratt, hlief ghal dak provdut fl-**artikolu 61 tal-Kap 16,** fl-interess tal-istess minuri, fejn din il-Qorti tista' thassar kull ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess ulied, dejjem fl-interess tal-istess minuri.

Illi allura ssegwi li ghal kull provediment iehor, inkluz biex jithassar jew jigi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wiehed irid jipprocedi taht id-dispozizzjonijiet relattivi dwar kuntratti in generali quddiem din il-Qorti, li ghandha kompetenza generali, hlief jekk provdut b'mod iehor b'xi ligi, dwar kwistjonijiet kollha ta' natura civili u kummercjali.

Illi dan ifisser b'relazzjoni ghall-pendenza odjerna, li kull talba ghall-varjazzjoni ta' manteniment, jew anke ghall-konferma tal-istess manteniment, li dwaru hemm dispozizzjonijiet *ad hoc* bejn il-partijiet fl-istess kuntratt iffirmat bejniethom, ghandu u jista' jsir biss lil din il-Qorti, u l-ebda Qorti ohra, anke ghaliex il-kompetenza tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hija strettament dik ta' Qorti volontarja u mhux kontenzjuza, hlief ghal dawk il-provvedimenti legali u ristretti, dwar manteniment, u konsiderazzjoni ohra biss konnessi mal-awtorizzazzjoni sabiex il-konjugi jipprocedu ghal separazzjoni personali quddiem din il-Qorti, u ghall-manteniment, kustodja u pendenzi dwar id-dar konjugali, *pendente lite*.

Illi stabbilit li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejniethom, huma jinsabu regolati biss bl-istess dispozizzjonijiet minnhom miftehma dwar il-kwistjoni ta' manteniment, u ladarba tali kuntratt gie regolarment pubblikat, il-kompetenza dwar l-istess m'ghadhiex vestita fil-Qorti tas-Sekond'Awla Civili, ghaliex ma hemm l-ebda kawza li hija pendenti.

Illi minn dan isegwi ghalhekk li d-Digriet impunjat tas-17 ta' Jannar 2001 bejn l-istess konjugi Bugeja, fuq talba tal-konvenuta sabiex jigi kkonfermat proprju l-manteniment medesimu li hemm provvediment ghalih fl-istess kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' Mejju 2000, huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi, *stante* li l-Qorti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili m'ghandha ebda kompetenza dwar l-istess,

ladarba ma hemm, u lanqas seta' kien hemm, l-ebda procediment quddiemha dwar is-separazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu jirreferu ghall-istess ghandhom jigu milqugha, dejjem bil-mod li ser jigi aktar 'il quddiem spjegat, tenut kont tan-numru zejda ta' talbiet proposti mill-attur f'din il-kawza.

Illi fid-dawl ta' dan kollu l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, ma tistghax tigi milqugha, ghaliex in-nullita' tal-istess Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, li qed jigi hawn deciz, hija mmaterjali jekk l-attur ressaqx dan l-ilment lill-istess Qorti jew le.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta ghandha wkoll tigi michuda *stante* li din hija l-unika procedura possibbli sabiex jigi mpunjat Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u dan permezz ta' kawza *ad hoc ai termini* tal-**artikolu 35 tal-Kap 12** li jghid li:-

*"Mid-digrieti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ma jinaghtax appell; izda meta l-parti jidhrilha li hija aggravata, tista' taghmel kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghall-provvediment mehtieg".*

Illi dwar ir-raba' (4) eccezzjoni, il-fatt li l-istess konvenuta fir-rikors taghha quddiem l-istess Sekond' Awla tal-Qorti Civili, talbet li jigi akkordat lilha l-istess ammont ta' manteniment moghti lilha fil-kuntratt taghha mal-attur mal-premess, ma jbiddel xejn minn dak fuq espost dwar in-

nuqqas ta' kompetenza tal-istess Qorti fuq l-istess materja, illi ghalkemm l-iskop tal-konvenuta sabiex tottjeni l-istess Digriet minn Qorti jidher li kien sabiex ikun l-*'ordni minn xi Qorti'* kif kienet specifikata fl-**artikolu 338 (z) tal-Kap 9,** dakinhar vigenti, u llum emendat biex jinkludi dispozizzjonijiet kuntrattwali wkoll.

Illi dwar it-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuta din ma hija ta' l-ebda portata dwar il-pendenza odjerna, u ma hemm xejn x'izomm l-intimata li tesegwixxi l-istess ftehim skond id-dispozizzjoni tal-ligi u t-titoli ezekuttivi apparti dak li llum jipprovdi l-Kodici Kriminali kif recentement emendat.

Illi dwar il-lamentela tal-attur dwar in-notifika tieghu tar-rikors tal-attrici quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, datat 30 ta' Novembru 2000, *nonostante* dak li huwa allega fix-xhieda tieghu, mir-riferta tal-14 ta' Dicembru 2000, l-istess attur jidher li kien debitament notifikat, u ghalhekk l-allegazzjonjiet tieghu fuq dan il-punt qed jigu michuda, ghalkemm dan xejn ma jbiddel minn dak li inghad aktar 'il fuq dwar in-nullita' tal-istess Digriet tas-Sekond' Awla Numru 71/2001.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha limitatament ghal dak fuq premess, billi l-istess Digriet jigi ddikjarat bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali tar-Repubblika, u d-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja u tillibera l-istess tliet konvenuti appena msemmija mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tichad it-talbiet ennumerati (d) (e) (f) u (h) **tilqa' t-talbiet attrici enumerati (a) (b) (c) u (g)** biss bil-mod hawn premess:-

(a) Tiddikjara li sa llum ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti partijiet f'din ic-citazzjoni odjerna huma regolati biss u esklussivament mill-Att Pubbliku tat-23 ta' Mejju 2000, in atti Nutar Pubbliku Malti Dr Richard Velta Laurenti, liema Att Pubbliku jirregola l-firda legali tal-kontendenti partijiet konjugi BUGEJA;

(b) Id-Digriet Numru 71/2001 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili huwa null u bla effett *stante* nuqqas ta' kompetenza tal-istess Sekond' Awla tal-Qorti Civili;

(c) Tiddikjara li b'konsegwenza tad-decizjoni odjerna kull decizjoni ohra naxxenti mill-applikabbilta' tad-Digriet Numru 71/2001 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hija wkoll nulla u bla effett;

(d) Tichad din it-talba *stante* l-kompetenza ta' din il-Qorti

skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 32 tal-Kap 12**

(e) Tichad din it-talba *stante* li ma gew ippruvati l-ebda danni

(f) Tichad din it-talba *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u l-attur ma ressaq ebda provi dwar l-istess.

(g) Illi tichad *in parte* l-istess talba stante li l-attur ghandu jhallas l-ispejjez kollha tal-konvenuti l-Kummissarju tal-Pulizija, L-Avukat Generali tar-Repubblika, u d-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja, li gew imharrka inutilment minnu, fil-waqt li ghandu jhallas l-ispejjez kollha tat-talbiet numri (d) (e) (f) (g) u (h), mentri l-konvenuta ghandha tbaghti l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghat-talbiet numri (a) (b) u (c).

(h) Illi tichad din it-talba, *stante* li hija inutili fil-kuntest odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Lulju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Lulju, 2002**